**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 163/2018**

**XI (l-ilmentatur)**

**vs**

**Curmi & Partners Limited (C-3909)**

**(il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tal-15 ta' Settembru 2020**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment,** fejn l-ilmentatur jissottometti li gie pprovdut servizz ta' investiment mill-provditur tas-servizz li kien jammonta ghal €50,000 mal-kumpanija *Trust Capital Holdings S.a.r.l* ('TCH), liema investiment kellu jimmatura u jinghata lura flimkien mal-ahhar pagament ta' interessi ta' 4% f'Awwissu 2016.

Dan l-investiment sar wara korrispondenza estensiva bejnu u bejn rapprezentant tal-istess provditur tas-servizz, fejn dan tal-ahhar kien accertah kemm bil-miktub kif ukoll verbalment, li tali investiment huwa wiehed sikur fejn, fost kundizzjonijiet ohra, il-kapital kien qed jigi ggarantit. Stqarr li dan kien konformi mal-*Confidential Client Account Opening Form* fejn indika li l-investiment kien *Low to Medium*.

L-investimenti li kienu gew proposti mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz, qabel ma gie deciz li jsir l-investiment ilmentat, saru wara li l-ilmentatur kien gharraf lill-provditur tas-servizz li kien marbut b'konvenju ghal xiri ta' immobbli f'Malta. Hu xtaq jinvesti f'xi prodott sikur li kien jimmatura fi zmien sena.

L-ilmentatur zied jghid li hu kien inghata ghazliet ohra li kienu jikkonsistu f'investimenti f'kontijiet bankarji f'banek registrati f'Malta, izda la darba kien accertat li l-investiment ilmentat kien garantit, u gie propost bhala wiehed mill-

investimenti f'lista ta' investiment bankarji Maltin li huma kklassifikati bhala investimenti sikuri, hu ddecieda li jinvesti mal-kumpanija *Trust.*

Jghid li f'Lulju 2016, gie avvicinat permezz ta' ittra mill-provditur tas-servizz fejn gie mfakkar li l-investiment in kwistjoni wasal biex jimmatura u gie propost numru ta' investimenti alternattivi. Dan minkejja li kien dejjem car li wara li jaghlaq it-terminu ta' dan l-investiment, hu kellu bzonn il-flus.

Kien ikkomunika mar-rapprezentant tal-provditur tas-servizz u fakkru li xtaq jillikwida dan l-investiment la darba jimmatura. Hu baqa' kontinwament jigi assigurat li l-hlas kien ser isir fi zmien qasir, liema korrispondenza izda baqghet ghaddejja sa Jannar 2017. Hawn gie infurmat li l-kumpanija tal-assikurazzjoni *CBL Insurance Limited* ('CBL') ma kinitx ser taghmel tajjeb ghal TCH minhabba li din tal-ahhar kienet kisret xi kundizzjonijiet tal-assikurazzjoni. L-ilmentatur kellu ghalhekk isib alternattivi ohra sabiex seta' jonora l-obbligi finanzjarji l-ohra li kellu u anke kellu jissellef xi flus.

Minkejja dan, il-provditur tas-servizz xorta wahda baqa' jassigurah li hu kien ser jigbor l-investiment li kien ghamel fl-intier tieghu minhabba li dan il-prodott kien wiehed garantit. Izda, minkejja li s'issa kienu ghaddew madwar sentejn, l-ilmentatur stqarr li m'hemm l-ebda garanzija li ser jigbor flusu, tant li l-ahhar li sema' minghand il-provditur tas-servizz kien li ser jibdew proceduri legali kontra CBL gewwa l-Lussemburgu.

L-ilmentatur insista li hu kien dejjem car mar-rapprezentant tal-provditur tas-servizz fir-rigward tat-tip ta' investiment li hu xtaq u, ghalhekk, il-provditur tas-servizz kellu l-obbligu li ssir analizi fil-fond tal-investiment propost.

Hu tenna li wara li ghadda daqstant zmien mid-data minn meta kellu jircievi lura l-investiment tieghu f'Marzu 2018, baghat ittra ufficjali lill-provditur tas-servizz fejn permezz taghha zammu responsabbli ghall-hlas tal-ammonti dovuti lilu.

Kompla jghid li l-provditur tas-servizz ikkonferma li kienu qed jittiehdu passi legali gewwa l-Lussemburgu kontra CBL, izda fl-ebda cirkostanza hu ma gie infurmat li fit-23 ta' Frar 2018 gew appuntati likwidaturi ghall-istess CBL.

L-ilmentatur sostna li l-provditur tas-servizz naqas milli jinfurmah li CBL kienet qed tigi llikwidata u, ghaldaqstant, jistaqsi ghalfejn il-provditur tas-servizz dam 'il fuq minn 20 xahar sabiex jibda proceduri legali kontra CBL, filwaqt li jistaqsi

wkoll jekk l-istess provditur tas-servizz agixxiex b'mod li kien jassigura l-ahjar interessi tieghu.

L-ilmentatur issottometta li fl-istadju fejn inghata l-ghazliet tieghu bejn l-investimenti, fl-ebda mument ma giet moghtija lilu dokumentazzjoni jew informazzjoni dettaljata li tghinu jifhem ir-riskji involuti f'dawn l-investimenti; filwaqt li qatt ma gie spjegat lilu n-natura tal-garanzija. Oltre minn hekk, li din l-istess garanzija setghet tispicca fix-xejn.

Zied jghid li l-fatt li l-provditur tas-servizz ma kienx qed izommu aggornat (ghax kellu jiskopri dwar il-likwidazzjoni hu personalment mill-*internet*), huwa prova tan-nuqqasijiet tal-istess provditur tas-servizz u li ma kienx qed jagixxi b'mod efficjenti fic-cirkostanzi. Fil-fatt, kien proprju wara li talab ghal kopja tal-fajl tieghu u ta' kwalunkwe fajl generali li jittratta l-investiment, li hu nghata l-*Client Opening of Account Document* u l-*Contract Note Covering the Purchase of €50,000 nom of the 4% Trust Capital Holding 26.08.2016.*

L-ilmentatur issottometta li hu mhuwiex espert fl-investimenti finanzjarji u huwa ghalhekk li uza s-servizzi ta' professjonisti bhall-provditur tas-servizz. Qal li huwa proprju ghal dan il-ghan li l-provditur tas-servizz ma jistax jonqos milli jaghmel l-investigazzjonijiet u r-ricerka dwar l-investimenti li jbiegh ghax dan in-nuqqas jaf ikun ta' detriment ghall-investitur.

Ghaldaqstant, l-ilmentatur qed jitlob li jithallas is-somma ta' €50,000 li tirrapprezenta l-kapital investit, flimkien mal-ammont ta' €817.15 u, *cioè*, l-interessi dovuti skont l-ahhar pagament ta' interessi, inkluz it-taxxa tad-dhul dovuta fuqhom; u dan minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe interessi ulterjuri dovuti lilu skont il-ligi u kwalunkwe spejjez sabiex tigi rkuprata l-istess somma.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:**

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju, l-Arbitru ghas-Servizzi FInanzjarji (l-'**Arbitru**') m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi l-vertenza odjerna billi l-Ilmentatur, permezz tal-ittra ufficjali numru 831/18 kontra s-Socjetà Esponenti (anness u mmarkat mal-Ilment bhala **'CP1'**), <u>issottometta ghal gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta</u> u dan *ai termini* tal-Artikolu 21(2)(a) tal-Kap 555 tal-Ligijiet ta' Malta (l-'Att') liema Att

jirrikonoxxi l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin u jiddisponi li l-Arbitru ghandu jirrifjuta milli jezercita s-setghat tieghu meta *'l-imgiba li jkun sar l-ilment dwarha hi jew kienet soggetta ghal kawza quddiem qorti jew tribunal* ***mibdija*** *mill-istess persuna li tkun qed taghmel l-ilment'.* Illi wkoll il-partijiet qatt ma ssottomettew ghal gurisdizzjoni tal-Arbitru *ai termini* tal-Kap. 555 biex b'hekk l-Arbitru ghandu jieqaf f'dan l-istadju milli jipprocedi bis-smigh u decizjoni dwar il-mertu ta' dan l-Ilment;

2. Illi ukoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, it-talba tal-Ilmentatur hija intempestiva u/jew improponibbli f'dan l-istadju ghaliex bhalma jaf l-Ilmentatur u bhalma ser jigi spjegat fid-dettall aktar tard f'din ir-risposta, is-Socjetà Esponenti ingaggat ditta ta' avukati sabiex taghmel l-ispezzjonijiet taghha fil-konfront tas-socjetà emittenti *Trust Capital Holdings S.a.r.l* kif ukoll fir-rigward l-assikuratur fuq l-investiment u, *cioè,* kontra *CBL Insurance* ('**CBL'**) fejn talbet lil CBL thallas ghat-telf subit kif iggarantiet li kellha taghmel f'kaz illi l-investiment ma jrendix kif kien mistenni. Illi minkejja t-talba ghall-hlas bhala garanti fuq il-prodott, dawn baqghu inadempjenti. Illi irrizulta illi fil-fatt kien gie appuntat *interim liquidator* ta' CBL mill-Qorti fin-*New Zealand* u li allegatament CBL kienet ghaddejja minn diffikultajiet finanzjarji bi proposti ta' ristrutturar. Dawn il-proceduri ghadhom ghaddejjin u l-likwidatur appuntat ghadu qed jigbor il-provi tal-kredituri involuti sabiex il-process ta' stralc jinbeda jew jigi ikkonfermat u l-kredituri jigu mhallsa mill-flus mizmughin ghand il-likwidatur u, ghalhekk, ifisser illi t-telf li fuqu qieghed jilmenta l-ilmentatur ghadu mhux ikristallizat kif qieghed jallega fl-Ilment;

3. Illi ukoll preliminarjament u sabiex jigi evitat kull dubju, is-Sinjur Karl Micallef (direttur tas-Socjetà Esponenti) gie msemmi kemm-il darba fl-Ilment odjern u l-Ilmentatur jaghti indikazzjoni jew jaghti x'jifhem b'mod indirett, li s-Sur Micallef huwa b'xi mod responsabbli personalment versu l-Ilmentatur in kwantu li huwa kien bieghlu l-prodott. Illi jinghad bl-iktar mod car illi apparti l-fatt illi l-Arbitru ma ghandux kompetenza taht l-Att jisma' u jiddeciedi ebda allegat agir lamentat kontra s-Sur Micallef, u apparti l-fatt illi kwalunkwe pretensjoni kontra s-Sur Micallef hija preskritta bl-iskadenza ta' sentejn *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16,

is-Sur Micallef jichad bl-aktar mod kategoriku li fl-ebda waqt u bl-ebda mod ma uzax id-diligenza assoluta li tirrikjedi l-professjoni tieghu u l-industrija tas-servizzi finanzjarji.

4. Illi l-ilmentatur iressaq l-allegazzjoni illi s-Socjetà Esponenti ma mxietx fl-ahjar interess tieghu f'numru ta' okkazjonijiet. Is-Socjetà Esponenti thossha offiza b'din l-allegazzjoni u minghajr l-ebda tlaqliq tirribatti din l-allegazzjoni bl-akbar qawwa peress illi s-Socjetà Esponenti taf illi dejjem agixxiet bi *buona fede* assoluta, b'mod dritt, u inkonformi ma' kull regim regolatorju li japplika ghas-servizz li kienet u ghadha taghti lil kull klijent taghha. Jinghad ukoll illi l-ilmentatur ipingi lilu nnifsu bhala persuna b'nuqqas ta' taghrif u esperjenza mentri fil-fatt l-Ilmentatur huwa professjonist, perit prattikanti u li ghandu l-kapacità li jaqra u jifhem dak li qieghed jinghad bl-ebda diffikultà. Kif ser jintwera mill-provi, l-Ilmentatur huwa persuna illi jsaqsi sabiex ikun cert li jkun qieghed jifhem dak li qieghed jinghad u zgur mhux forsi mhuwiex persuna illi ser jonfoq flusu bl-addocc jew bl-Ingliz '*aimlessly*' minghajr ma jkun inghata kull informazzjoni/*brochure/fact sheet* disponibbli li jkun qrah u fehmu. Ghalhekk, fir-rigward tal-allegazzjoni illi s-Socjetà Esponenti ma tat l-ebda spjegazzjoni dwar il-prodott hija allegazjoni inveritiera u miktuba biss bl-intendiment illi tizvija l-Arbitru. Barra ukoll, is-Socjetà Esponenti temfasizza illi dejjem zammet u ghadha zzomm lill-Ilmentatur aggornat b'dak kollu li qed taghmel fl-ahjar interessi tieghu kemm fir-rigward ta' CBL kif ukoll fir-rigward is-Socjetà emittenti *Trust Capital Holdings S.a.r.l* ('**TCH'**). Illi fuq il-mertu, l-Ilment huwa infondat u fih numru ta' imprecizjonijiet.

   Is-Socjetà Esponenti ser taghti l-verzjoni tal-fatti kif verament graw:

   a. L-Ilmentatur huwa investitur ta' certu esperjenza u gharfien fil-qasam finanzjarju hekk kif johrog car mill-i*statement* anness mal-Ilment u mmarkat bhala 'Dok C1'. Kien u ghadu investit f'diversi *bonds* u *notes, equities* kif ukoll diversi *securities* biex b'hekk tul iz-zmien l-gharfien tieghu zdied b'mod konsiderevoli;

   b. Il-portafoll tal-ilmentatur kien diversifikat f'diversi tipi ta' prodotti biex b'hekk ir-riskju kien mifrux fuq portafoll shih. L-investiment fit-

TCH intghazel u nxtara mill-investitur *at par* fit-28 t'Awwissu tas-sena 2015, liema investiment kellu jimmatura f'sena u kellu jinghata lura *coupon* ta' 4%. Incentiv pozittiv li kellu l-investiment TCH huwa li l-investiment kien kopert b''*on-demand irrevocable capital guarantee'* mis-Socjetà assikuratrici *New Zealand CBL.* Illi b'hekk il-prodott kien marbut ma' assigurazzjoni mahruga minn CBL sabiex ikompli jtaffi r-riskju marbut mal-prodott. Illi ghalhekk, is-Socjetà Esponenti accertat li l-investiment li nxtara mill-Ilmentatur kien kopert minn CBL bhala garanti biex b'hekk, f'kaz ta' falliment ta' TCH, CBL kienet ser taghmel tajjeb ghal dak it-telf *ai termini* tal-kundizzjonijiet tal-garanzija. Illi ghalhekk, il-prodott kien kopert minn assigurazzjoni fil-kaz illi l-prodott ifalli kif fil-fatt gara;

c. L-interessi li TCH kien ser irendi kienu ser jinqasmu u jinghataw lill-investituri (wiehed minnhom l-ilmentatur) fix-xhur bejn:

   (i) 26.08.2015 sa 30.09.2015 (ii) 01.10.2015 sa 31.12.2015 (iii) 01.01.2016 sa 31.03.2016 (iv) 01.04.2016 sa 30.06.2016 u (v) 01.07.2016 sa 26.08.2016.

   L-Ilmentatur kien jaf b'dan kollu u wara li studja u qara l-komponenti ta' dan l-investiment, huwa, minn jeddu, iddecieda illi jinvesti EUR50,000 f'TCH;

d. L-interessi li kellhom jinghataw fix-xhur imsemmija minn (i) sa (iv) inghataw u inghataw ukoll lill-Ilmentatur;

e. Jinghad illi s-Socjetà Esponenti kellha l-ghazla li tbiegh l-istess investiment u, *cioè,* TCH b'*coupon* hafna iktar gholi minn 4% izda **minghajr** s-sigurtà/garanzija li kellha maghha izda s-Socjetà Esponenti dejjem ghazlet it-triq prudenti u ghazlet li tbiegh l-investiment TCH li kien kopert b'garanzija minn Socjetà ta' assikurazzjoni CBL minkejja l-fatt illi l-kupuni kienu ta' inqas valur. Barra minn hekk, is-Socjetà Esponenti tirrispingi bil-qawwa dak allegat mill-Ilmentatur illi *'CP akkwistat investiment ta' €1,800,000 sabiex toffrihom lill-klijenti taghha bhala investimenti sikuri u garantiti.'* Is-Socjetà Esponenti qatt ma akkwistat il-prodott in kwistjoni biex sussegwentement bieghet tali prodott lill-Ilmentatur.

L-ilmentatur akkwista l-prodott mis-Socjetà emittenti TCH waqt li s-Socjetà Esponenti kienet intermedjarja.

f. Illi fil-fatt dan kien it-tielet darba li l-investituri investew fi prodotti li nhargu minn TCH tramite s-Socjetà Esponenti, u dejjem irrizulta f'rendiment pozittiv. Barra minn hekk, ir-*rating* ta' CBL (maghmula mid-ditta *AM Best*) tal-garanti CBL kien BBB (li huwa *investment grade* tajjeb) meta s-Socjetà Esponenti l-ewwel bdiet tbiegh il-prodott ta' TCH b'CBL bhala garanti; però, iktar importanti minn hekk huwa l-fatt illi fiz-zmien meta nvesta KI, ir-*rating* ta' CBL kien fil-fatt tela' ghal A li jfisser illi kien mar ghall-ahjar, kien stabbli u kellu prospetti pozittivi fir-*rating* tieghu.

g. Illi meta l-investiment kellu jimmatura f'Awwissu 2016, TCH infurmat lis-Socjetà Esponenti illi l-investimenti sottostanti fil-prodott TCH u, *cioè, Aequitas Enhanced Income Fund* ma kienx qieghed irendi kif mistenni biex b'hekk ma kienx qieghed ilahhaq mal-pagament li kellu jhallas. Malli saret taf, is-Socjetà Esponenti immedjatament ghamlet kuntatt u nnotifikat lid-ditta ***Graham Consulting*** (li kienu n-*noteholder representatives* ghall-investituri) sabiex tinfurmahom dwar il-fatt li l-*underlying investment* kien falla biex b'hekk ma kienx ha jkun il-hlas fuq il-maturità. Is-Socjetà Esponenti tat struzzjonijiet sabiex issir '*Notice of Demand'* lis-Socjetà assikuratrici CBL sabiex taghmel tajjeb ghat-telf tal-kapital investit.

h. Id-ditta *Graham Consulting* esegwiet l-ordni tas-Socjetà Esponenti. CBL, fir-risposta taghhom, ippruvaw jaharbu mill-obbligi taghhom u ma jhallsux bhala garanti billi allegaw illi l-garanzija ma kinitx valida peress illi, mill-*punto di vista* ta' CBL, l-*underlying investment* ma kinitx taqa' taht id-definizzjoni ta' *'authorised investment*' skont il-kuntratt.

i. Malli saret taf b'din ir-risposta, is-Socjetà Esponenti minnufih qabdet ditta ta' avukati fil-Lussemburgu u talbet parir dwar il-validità tal-garanzija. Id-ditta legali hija GSK liema ditta ikkonfermat

illi l-garanzija hija valida u CBL ghandha taghmel tajjeb ghat-telf subit.

j. Mghammra b'din il-konferma, is-Socjetà Esponenti dahlet f'korrispondenza ma' TCH u CBL sabiex jigi diskuss min ser ihallas lis-Socjetà Esponenti ghan-nom tal-Ilmentatur u meta ser tithallas. Sabiex jevitaw proceduri legali u spejjez legali ezorbitanti, il-partijiet ftehmu li TCH kienet ser testendi l-*investment note* a bazi tal-istess kundizzjonijiet izda b'rikonoxximent espressa minn CBL li l-prodott huwa kopert mill-assigurazzjoni moghtija minn CBL. Illi ghalhekk, l-intendiment kien illi minflok l-investiment jaghlaq f'Awwissu 2016, dan kellu jigi estiz biex b'hekk ma jkun hemm ebda dubju fuq il-kopertura tal-assigurazzjoni minn CBL. Sfortunatament, il-partijiet u, *cioè*, TCH u CBL damu 'l fuq minn seba' xhur sabiex jiftiehmu dwar il-kontenut u l-kliem tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali b'konsegwenza illi xejn ma gie qatt iffirmat. Dan id-dewmien kien min-naha ta' TCH u CBL minghajr ebda htija tas-Socjetà Esponenti. Sadanittant is-Socjetà Esponenti baqghet tistaqsi ghall-informazzjoni sabiex tkun tista' tinforma l-Ilmentatur dwar dak li kien ghaddej.

k. F'Dicembru 2017, xahrejn qabel l-estenzjoni kienet ser tiskadi, is-Socjetà Esponenti fl-interess tal-Ilmentatur ippruvat tittransigi dan l-istakk ma' CBL u ssottomettew numru ta' proposti, fosthom, li:

   - Kull rikavat li kien dovut lil TCH mill-istralc ta' *Aequitas Enhanced Income Fund* jithallsu lil CBL sabiex dan jigi trasferit lis-Socjetà Esponenti ghall-Ilmentatur;

   - Li TCH ihallsu lil CBL parti mid-dejn dovut lill-Ilmentatur; u

   - Li TCH ma tohrogx ghall-bejgh iktar *notes* b'kapital garantit liema kapital ser ikun garantit minn CBL ghax kien ovvju li CBL ma kienx ser jonora l-obbligazzjonijiet tieghu.

l. Il-*Managing Director* ta' TCH baghat lis-Socjetà Esponenti u qalilha li t-tielet kundizzjoni hawn fuq imsemmija ma kinitx ser tkun accettabbli ghalih. Ghalhekk, f'Jannar 2018, is-Socjetà Esponenti tat

struzzjonijiet lid-ditta ta’ avukati Lussemburgi GSK sabiex jibdew proceduri legali kontra CBL fuq ksur tal-obbligi naxxenti mill-garanzija. Gara illi f’Marzu 2018, is-Socjetà Esponenti giet infurmata li gew appuntati *interim liquidators* ghal CBL. Sal-lum il-likwidaturi ghadhom qed jaghmlu dak li gew inkarigati li jaghmlu. L-informazzjoni hija limitata minhabba ordni mill-Qorti ‘*prohibiting publication of information about the matter’* (Ara *Press Release* 1 March 2018 anness mal-ilment u mmarkat bhala Dok H) u mhux minhabba xi nuqqas mis-Socjetà Esponenti. Illi wkoll il-process li bdiet is-Socjetà Esponenti minn rajha stess u li ghalih s’issa digà hallset kwazi EUR 40,000 fi spejjez legali ghadu ghaddej.

5. Illi wkoll fil-mertu u minghajr pregudizzju, jinghad illi l-prodott kien wiehed idoneju ghall-Ilmentatur stante l-fatt li kellu esperjenza vasta fil-qasam ta’ investimenti fi prodotti finanzjarji f’diversi tipi ta’ prodotti, kien gie mgharraf in-natura tal-prodott flimkien mar-riskji marbuta mieghu, huwa bniedem ta’ certu portata u fl-ahhar mill-ahhar hu iddecieda jinvesti fil-prodott *de quo* tant li huwa ghamel diversi dikjarazzjonijiet f’dan is-sens.

6. Illi huwa dejjem dispjacir meta investiment jinzel fil-valur, wisq izjed meta jmur hazin bhal ma gara f’dan il-kaz. Kellu jigri li anke l-provditur tal-assigurazzjoni instab f’diffikultajiet finanzjarji, izda b’daqshekk ma jfissirx li l-intermedjarju ghandu xi htija jew b’xi mod ghandu jaghmel tajjeb ghal kwalunkwe telf (ovvjament ma jgawdix minn zidiet fil-valur) kif qed jipprova jaghmel l-Ilmentatur b’dan l-Ilment. Dan l-agir jippresupponi garanzija fil-forma ta’ dak li jissejjah *moral hazard* inkombenti fuq l-intermedjarju favur l-investitur li la ma huwa gust u lanqas ma jezisti fil-ligi;

7. Illi fl-ahhar nett kwalunkwe telf imgarrab mill-Ilmentatur kien esklussivament minhabba fatturi inerenti fil-qasam finanzjarju u numru ta’ avvenimenti sfortunati u mhux minhabba azzjonijiet jew ommissjonijiet tas-Socjetà Esponenti, l-agenti jew l-impjegati taghha li dejjem agixxew skont il-ligijiet u r-regoli applikabbli fil-konfront tal-ilmentaturi. Anzi jinghad illi s-Socjetà Esponenti ppartecipat b’mod attiv hafna a spejjez taghha dak li kien ghaddej kemm fir-rigward tas-Socjetà

emettrici TCH u l-garanti CBL. Hadet hsieb li l-investiment li nbiegh tramite s-Socjetà Esponenti kien kopert b'garanzija izda provdituri bhas-Socjetà Esponenti ma jistghux ikun garanti tal-garanti. Dan mhuwiex sostenibbli u jgib mieghu konsegwenza fatali ghas-swieq finanzjarji;

8. Illi in vista tas-suespost, l-Ilment huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u, ghalhekk, ghandu jigi michud bl-ispejjez ghaliex ma kien hemm proprju ebda negligenza, nuqqas ta' prudenza u diligenza, mis-Socjetà Esponenti u l-istess s-Socjetà Esponenti ma thossx illi ghandha tintlaqa' t-talbiet ghall-ghoti ta' rimedji kif mitluba fl-Ilment kif imressaq mill-Ilmentatur peress illi l-Ilment mhuwiex gustifikat.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet Preliminari**

L-ewwel eccezzjoni li ta l-provditur tas-servizz hija fis-sens li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex l-ilmentatur kien mar quddiem il-Qorti meta pprezenta ittra ufficjali kontra l-provditur tas-servizz. Il-provditur isemmi l-Artikolu 21(2)(a) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta in sostenn ta' dan.

Dan l-Artikolu jipprovdi hekk:

*'Arbitru ghandu jirrifjuta li jezercita s-setghat tieghu taht dan l-Att meta:*

*(a) l-imgiba li jkun sar l-ilment dwarha hi jew kienet soggetta* ***ghal kawza quddiem qorti jew tribunal***[1] *mibdija mill-istess persuna li tkun qed taghmel l-ilment u li tkun dwar l-istess mertu.'*

Ghalhekk, jirrizulta bl-aktar mod car li biex l-ilmentatur ma setax jipprezenta ilment quddiem l-Arbitru ried jiftah **kawza** quddiem il-Qorti jew xi Tribunal iehor

[1] Enfasi tal-Arbitru

fuq l-istess mertu tal-ilment li fetah quddiem l-Arbitru. Sempliciment ittra ufficjali mhix 'kawza' u, ghalhekk, din l-eccezzjoni hija wahda fiergha u qatt ma messha inghatat. B'hekk qieghda tigi michuda.

It-tieni eccezzjoni preliminari tirrigwardja **l-intempestività** *o meno* ta' dan l-ilment.

Din l-eccezzjoni hi fis-sens li l-ilmentatur ma kellux jaghmel l-ilment ghaliex:

'*is-Socjetà Esponenti ingaggat ditta ta' avukati sabiex taghmel l-ispezzjonijiet taghha fil-konfront tas-socjetà emittenti Trust Capital Holdings S.a.r.l kif ukoll fir-rigward l-assikuratur fuq l-investiment u cioè kontra CBL Insurance ('CBL') fejn talbet lil CBL thallas ghat-telf subit kif iggarantiet li kellha taghmel f'kaz illi l-investiment ma jrendix kif kien mistenni. Illi minkejja t-talba ghall-hlas bhala garanti fuq il-prodott, dawn baqghu inadempjenti. Illi irrizulta illi fil-fatt kien gie appuntat interim liquidator ta' CBL mill-Qorti fin-New Zealand u li allegatament CBL kienet ghaddejja minn diffikultajiet finanzjarji bi proposti ta' ristrutturar. Dawn il-proceduri ghadhom ghaddejjin u l-likwidatur appuntat ghadu qed jigbor il-provi tal-kredituri involuti sabiex il-process ta' stralc jinbeda jew jigi ikkonfermat u l-kredituri jigu mhallsa mill-flus mizmughin ghand il-likwidatur u, ghalhekk, ifisser illi t-telf li fuqu qieghed jilmenta l-ilmentatur ghadu mhux ikkristallizzat kif qieghed jallega fl-Ilment.*'

Il-kuncett ta '*intempestività*' jaf l-gheruq etimologoci tieghu fil-Latin: '*intempestivus*' li tfisser '*praeposterus, praematurus, inportunus, acerbus, inmaturus,* u bl-Ingliz tfisser '*untimely*'.

Il-Qrati taghna qiesu l-eccezzjoni tal-intempestività ta' azzjoni bhala wahda odjuza li l-intenzjoni taghha hi li twaqqaf il-kawza u, ghalhekk, bhall-eccezzjonijiet l-ohra kollha trid tigi ippruvatha minn min jaghtiha:

'*Illi xieraq jinghad li f'eccezzjoni bhal din, li hija ta' ghamla dilatorja, il-piz tal-prova jaqa' fuq l-imharrkin li jikkonvincu lill-Qorti li l-azzjoni ma saritx f'waqtha u dan fuq il-massima li reus in excipiendo fit actor. Huma mehtiega l-istess provi fi grad tali li s-soltu jaqa' fuq attur dwar il-pretensjonijiet tieghu. Minbarra dan, minhabba li l-effett ta' ezitu favorevoli ghall-eccezzjoni ta' intempestività huwa dak li jehles lill-parti mharrka milli tibqa' izjed fil-kawza, bil-jedd tal-parti attrici li terga' tibda procedura meta jghaddi t-terminu li kien inghata, l-eccezzjoni trid*

*tintlaqa' meta tassew tkun pruvata u dan fuq il-massima li azzjoni tigi salvata jekk dan huwa possibbli.'*[2]

Ghalhekk l-Arbitru jrid jara jekk il-provditur tas-servizz ippruvax din l-eccezzjoni, jigifieri, jekk li l-ilmentatur ghamilx l-ilment qabel zmienu.

Qabel xejn, irid jinghad li ghalkemm il-provditur tas-servizz jghid li ghaddejjin proceduri legali sabiex jigu irkuprati xi flus, ma jaghti l-ebda garanzija li dawn effettivament ser jigu irkuprati u li l-ilmentatur ghandu garanzija li jiehu flusu kollha lura. Jirrizulta li l-ilmentatur mhux parti f'dawn il-proceduri, izda hu l-provditur tas-servizz li qed ifittex ghas-somma massiva ta' €1,800,000 li nvesta lill-klijenti tieghu, fosthom, lill-ilmentatur. Il-provditur tas-servizz stess jghid fl-eccezzjoni tieghu li minkejja li ghamel tentattivi biex jikseb il-flus kemm minghand *Trust Capital Holdings S.a.r.l.* kif ukoll minghand *CBL Insurance Ltd,* dawn baqghu inadempjenti.

Barra minn hekk, il-likwidazzjoni ta' *CBL Insurance Ltd* ma tfissirx hlas awtomatiku lill-ilmentatur u ohrajn ghaliex l-assikurazzjoni dejjem tista' tirrifjuta li thallas il-garanzija jekk *Trust Capital Holdings S.a.r.l.* ma tkunx osservat l-obbligi kuntrattwali taghha versu *CBL Insurance Ltd*. Dan ifisser li l-ilmentatur m'ghandu l-ebda garanzija li jithallas mill-proceduri li semma' l-provditur tas-servizz li, kif inghad, l-ilmentatur mhux parti minnhom anzi estranju ghalihom.

Barra minn hekk, l-ilmentatur m'ghamilx l-ilment qabel ma immatura l-investiment tieghu, haga li xorta seta' jaghmilha galadarba jkun jirrizulta li l-provditur tas-servizz ikun naqsu. Dan ghaliex l-Arbitru hu awtorizzat mil-ligi sabiex jistharreg l-imgiba tal-provditur tas-servizz fil-konfront ta' ilmentatur u jara jekk dik l-imgiba tkunx wasslet ghal telf ta' flus lill-konsumatur. Imma f'dan il-kaz, l-investiment tal-ilmentatur kien immatura.

Fil-fatt, l-investiment li ghamel l-ilmentatur kellu jimmatura fis-26 t'Awwissu 2016 u, skont ma kien miftiehem mal-provditur tas-servizz, f'din id-data kellu jinghata flusu lura peress li ried ihallas l-immobbli li kien xtara.

Il-provditur tas-servizz kien jaf li l-ilmentatur kellu bzonn flusu, u meta saret l-offerta tal-investiment, dan kien iddeskrivihulu hekk:

---

[2] *Bank of Valletta p.l.c.* (C– 2833) *vs Cefai Esates Limited*, PA, 15 /03/2018

'*A **one-year trust Note** which has a minimum holding period of 3 months and which …'.*[3]

L-istess provditur tas-servizz jammetti li din in-*Note* kienet immaturat fis-26 ta' Awwissu 2016, tant li anke l-avukati esteri tieghu qajjmu dan il-punt fl-ittri interpellatorji li baghtu kemm lil *Trust Capital Holdings S.a.r.l.* kif ukoll lil *CBL Insurance Ltd*. Jaghmluha cara li d-dewmien fil-hlas wara l-maturità tan-*Note* kien wiehed eccessiv.[4]

Galadarba anke l-provditur tas-servizz u l-persuni legali inkarigati minnu jammettu li l-hlas tal-kapital minn *Trust Capital* u *CBL Insurance Ltd* kien tardiv sew, ma jistax issa l-provditur tas-servizz jghid li l-ilmentatur ipprezenta l-ilment quddiem l-Arbitru b'mod prematur.

L-ilmentatur kellu jircievi flusu fis-26 t' Awwissu 2016, u stenna sentejn sabiex ghamel l-ilment quddiem l-Arbitru ghax qata' qalbu mill-weghdi li kien qed jaghmillu l-provditur tas-servizz li xi darba ghad jithallas. U sal-lum, il-provditur tas-servizz ma jsemmi l-ebda garanzija li l-ilmentatur ser jithallas il-kapital lura.

L-Arbitru huwa wkoll f'pozizzjoni li jillikwida t-telf tal-ilmentatur u mhux kif jghid il-provditur tas-servizz li t-telf ma jistax jigi likwidat.

Ghal dawn il-mottivi, l-Arbitru jqis li l-provditur tas-servizz ma rnexxilux jipprova li l-ilment huwa intempestiv; anzi, l-Arbitru hu moralment konvint li l-ilmentatur stenna bizzejjed u ghandu kull jedd ifittex rimedju quddiemu.

Ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll qed tigi michuda.

Dwar l-eccezzjoni l-ohra, li Karl Micallef m'ghandux iwiegeb personalment, l-Arbitru jqis li din l-eccezzjoni hija wkoll wahda fiergha ghaliex l-ilmentatur ma kienx qed ifittxu personalment; xejn ma jindika dan mill-atti tal-kaz u, ghalhekk, din l-eccezzjoni ma messhiex inghatat.

**FIL-MERTU**

---

[3] *A fol.* 144

[4] *A fol.* 210-211; 214-215

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-kaz b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa ekwu, gust u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[5]**

Jista' jinghad li, fi ftit kliem, fir-rigward tal-mertu, l-ilment ewlieni imressaq mill-ilmentatur jittratta l-fatt li hu gie mibjugh prodott, wara accertazzjoni - kemm bil-miktub kif ukoll verbalment - li dan huwa wiehed sikur fejn, fost kundizzjonijiet ohra, il-kapital investit kien qed jigi garantit.

Gie garantit lilu wkoll li l-kapital jinghatalu wara sena mid-data tal-investiment ghaliex kien ried investiment fuq perjodu qasir biex ikun jista' jhallas il-proprjetà li kien qed jixtri. Izda, minkejja dan, il-provditur tas-servizz naqas milli jghaddi lura dan il-kapital lill-ilmentatur meta l-investiment immatura s-sena ta' wara.

Mill-banda l-ohra, il-provditur tas-servizz enfasizza li l-ilmentatur huwa professjonist, perit prattikanti u li ghandu l-kapacità li jaqra u jifhem dak li qed jinghad; li ghandu wkoll certu esperjenza u gharfien fil-qasam finanzjarju, u li kien hu li ghazel u xtara l-investiment in kwistjoni li kien kopert b'*on demand irrevocable capital guarantee* mis-Socjetà assikuratrici CBL li, f'kaz ta' falliment, kienet ser taghmel tajjeb ghal dan l-istess telf *ai termini* tal-kundizzjonijiet tal-garanzija.

Sostna wkoll li r-*rating* tal-garanti CBL kien BBB, li huwa *investment grade* tajjeb hafna u li fiz-zmien meta sar l-investiment, dan l-istess *rating* kien anke tela' ghal A, kien stabbli, u kellu prospettivi pozittivi.

Huwa car li l-punt krucjali f'dan l-ilment jittratta l-informazzjoni li nghatat fil-mument tal-bejgh tal-investiment, u jekk tali informazzjoni kinetx bizzejjed biex l-ilmentatur ikun jista' jiehu decizjoni libera jekk kellux jinvesti jew le. Importanti wkoll l-aspettattiva li inholqot fil-klijent a bazi ta' din l-istess informazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Arbitru jrid imur ghall-waqt li kien qed jinbiegh dan l-investiment, x'gie mwieghed u, fil-fatt, dak li nghata jew ma nghatax wara. Irid ukoll jara kif sar il-bejgh tal-prodott, jekk kienx addattat ghac-cirkostanzi tal-ilmentatur, u jekk kienx kompatibbli mar-riskju li kien lest li jiehu, u jekk lahaqx

[5] Kap. 555, Art. 19(2)(b)

*'l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumaturi u dan b'referenza ghaz-zmien meta jkun allegat li jkunu sehhew il-fatti li jkunu taw lok ghall-ilment.'*[6]

L-ilmentatur qed jallega wkoll li l-provditur tas-servizz naqas milli jara fejn flus l-ilmentatur kienu qed jigu investiti u qaghad biss fuq il-fatt li ***CBL Insurance Ltd*** kienet *guarantor*.

**Biex jasal ghad-decizjoni jekk l-ilment huwiex wiehed gust, ekwu u ragonevoli, l-Arbitru jrid jara xi provi tressqu quddiemu.**

***Il-Verzjoni tal-Ilmentatur***

Fix-xhieda tieghu, l-ilmentatur stqarr li qabel mar ghand il-provditur tas-servizz, kellu xi investimenti zghar – xi Lm1,500 f'*shares* tal-GO, *shares* fil-BOV (li ghadhom hemm sal-lum), kif ukoll xi haga zghira mal-*Wignacourt* tal-BOV u, ghaldaqstant, jghid li ma jistax jitqies li hu investitur ta' esperjenza fl-investimenti tas-settur finanzjarju.

Hu stqarr li mal-provditur tas-servizz kellu flus li kienu f'*local bank deposits* u *government stocks*, fejn kien intqal lilu li sa *€100,000* kienu koperti bil-garanzija tal-Gvern.

Qal li fl-2015 kien tkellem mar-rapprezentant tal-provditur tas-servizz fejn gharrfu li xtaq imexxi parti minn somma ta' flus akbar li kellu f'kont bankarju ghal ftit zmien minhabba li kellu bzonn il-flus ghal progett ta' xi proprjetà immobbli li kien ser jaghmel lejn l-ahhar tas-sena ta' wara.

Hu xtaq li:

*'... dawn il-flus ikunu mizmuma f'kont li seta' irendili imghax ahjar milli kieku hallejt l-istess somma f'kont bankarju, tan-natura ta' savings jew current.'*[7]

Stqarr li kemm-il darba enfasizza dwar il-fatt li hu kellu bzonn li dik is-somma terga' tigi lura ghandu u kien car li investimenti b'riskju gholi ma kinux jghoddu ghalih.

Il-provditur tas-servizz offrielu, permezz ta' *email*, tlett ghazliet, fil-maggor parti taghhom kienu jikkonsistu f'kontijiet fissi ma' banek, izda stqarr li ipproponew

[6] Kap. 555, Art. 19(3)(c)
[7] *A fol.* 105

ukoll l-ghazla li jinvesti mal-kumpanija *Trust Capital Holdings S.a.r.l.* li kellu jimmatura u jinghata lura mal-ahhar pagament ta' interessi ta' 4% fis-26 t'Awwissu 2016.

Qal li:

*'... dwar it-Trust Capital kien qalli li kien guaranteed u ssuggerieli li ninvesti €50,000 u jien qghadt fuq il-parir tieghu. Jien meta rajt "capital guaranteed" m'hemmx wisq x'tifhem. Jien dak il-hin fhimt li l-kapital kien garantit. Jien meta qrajt dik l-email dik laqtitni – dak li kien hemm "capital guaranteed".'*[8]

L-ilmentatur specifika li hu kien dejjem jafda fir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz sabiex jiggwidah fuq it-tip ta' investimenti u ghadu sal-lum ma jissugrax jiehu decizjonijiet ta' din in-natura minghajr il-gwida u l-parir tal-esperti.

Hu sostna li ghamel l-ghazla tal-investiment tieghu skont il-parir moghti lilu u:

*'... infatti lanqas darba ma spjegali n-natura ta' xoghol jew investimenti li kienet taghmel is-socjetà Trust Capital Holdings.'*[9]

Qabel dan l-investiment, kienu dejjem gew suggeriti lilu *bonds* lokali jew *term deposits*. L-ilmentatur zied jghid li hu kien investa s-somma ta' €50,000 wara li kien inghata l-parir li dan kien investiment sikur u garantit, izda ma nghatax informazzjoni dwar dan l-istess investiment, jew ahjar, dwar x'indagini kien ghamel il-provditur tas-servizz dwar dan. Hu enfasizza li relatat mal-investiment, kellu biss *email* li tinkludi r-rakkomandazzjoni flimkien mal-*Purchase Contract Note* li nghatat lilu **wara** li sar l-investiment.

Tul il-perjodu li dam investit, l-ilmentatur ircieva erba' pagamenti ta' interessi, filwaqt li f'Lulju 2016, gie avvicinat u mfakkar mill-provditur tas-servizz li l-investiment in kwistjoni kien lahaq sabiex jimmatura fis-26 t'Awwissu ta' dik l-istess sena u gie ppproponut lilu numru ta' investimenti alternattivi. Izda dawn ma gewx accettati minnu minhabba l-fatt li kellu obbligi finanzjarji ohra u li dwarhom l-istess provditur tas-servizz kien digà nfurmat.

L-ilmentatur sostna li hu baqa' ma rceviex l-ammont dovut lilu, u meta ikkomunika mar-rapprezentant tal-provditur tas-servizz dwar dan, dan tal-ahhar

8 *A fol.* 640
9 *A fol.* 106

baqa' kontinwament jassigurah li l-hlas kien ser isir f'qasir zmien, u din il-korrispondenza baqghet ghaddejja sa Jannar 2017. Hawn gie infurmat li l-kumpanija tal-assikurazzjoni *CBL Insurance Limited* ma kinitx ser taghmel tajjeb ghal *Trust Capital Holdings* minhabba li din kisret xi kundizzjonijiet tal-assikurazzjoni.

Kompla billi qal li in segwitu ghal dan, il-provditur tas-servizz xorta wahda baqa' jassigurah li kien ser jigbor l-investiment fl-intier tieghu minhabba li dan kien wiehed garantit; izda, sal-lum m'ghandu l-ebda garanzija li dan ser isehh. Stqarr li l-ahhar li sema' minghand il-provditur tas-servizz kien illi kien bil-hsieb li jinbdew proceduri legali kontra CBL gewwa l-Lussemburgu.

L-ilmentatur qal ukoll li permezz tal-avukat tieghu sar jaf li fi Frar 2018, gew appuntati likwidaturi tal-istess CBL, u sostna li l-provditur tas-servizz qatt ma ndenja ruhu jinfurmah dwar dan l-izvolgiment minkejja li din l-ahbar kienet anke tidher fis-sit ta' CBL.

***Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz***

Min-naha l-ohra, il-provditur tas-servizz ressaq zewg *affidavits,* wiehed ta' David Curmi,[10] li illum jokkupa l-kariga ta' Kap Principali u *Compliance Officer* mal-provditur tas-servizz, u l-iehor ta' Karl Micallef,[11] li huwa Direttur mal-provditur tas-servizz u li kien il-persuna li bieghet l-investiment ilmentat lill-ilmentatur.

**David Curmi** stqarr li hu kien involut fit-*Trust Capital Holdings 4% SARL* – 26/08/2016 f'zewg aspetti. L-ewwel stadju kien meta l-provditur tas-servizz kien bi hsiebu jixtri l-investiment *Trust Capital Holdings*.

Wahda mill-mizuri dwar id-diligenza li ha qabel gie deciz li jinxtara dak l-investiment kien li l-provditur tas-servizz qara l-garanzija li kienet qed tigi pprovduta u, eventwalment, dak iz-zmien kien car li din il-garanzija minn CBL kienet essenzjali u parti integrali tal-prodott. Sostna li permezz ta' din il-garanzija, ir-riskju inerenti fil-prodott kien tbaxxa konsiderevolment u ghenet lill-provditur tas-servizz jikkategorizza r-riskju ta' dan l-investiment bhala *quasi cash investment option* minhabba l-fatt li l-investiment kien ser jimmatura fi zmien qasir hafna u minhabba li kien hemm garanzija mahruga minn istituzzjoni li

[10] *A fol.* 116
[11] *A fol.* 118

kienet *A rated*. Qal li minhabba li l-ilmentatur ried ibiddel u jvarja l-portafoll tieghu tal-investimenti minbarra l-i*stocks* tal-Gvern, l-investiment ilmentat kien ideali ghalih.

Ix-xhud kompla billi qal li t-tieni aspett tal-involviment tieghu kien meta *Trust Capital Holdings* ma giex imhallas fid-data tal-maturità tieghu u kien ftiehem ma' Karl Micallef fuq pjan li permezz tieghu kienu ser jaghfsu fuq il-garanzija.

Tenna wkoll li flimkien mal-istess Karl Micallef, kienu iltaqghu mal-ilmentatur u l-avukati tieghu, fejn gie espress l-inkwiet tal-ilmentatur dwar in-nuqqas ta' hlas. Izda, fl-ebda mument, la tul din l-istess laqgha u lanqas fil-korrispondenza skambjata, ma semma li l-investiment ma kienx addattat ghalih. Dan filwaqt li jghid li kien ovvju li l-ilmentatur fehem illi n-nuqqas ta' hlas minn *Trust Capital Holdings* ma kienx tort tal-provditur tas-servizz.

Sostna li l-provditur tas-servizz dejjem agixxa skont il-ligi u b'mod diligenti kemm fl-istadju tal-ghazla tal-prodott kif ukoll fl-istadju tal-bejgh tal-prodott u dan jidher fil-fatt illi l-prodott kien garantit minn garantrici *well rated* u meta sar maghruf li *Trust Capital Holdings* ma kinitx ser thallas, sar dak kollu possibbli sabiex jigu limitati d-danni, ittiehed parir legali, u l-provditur tas-servizz agixxa gudizzjalment sabiex jipprotegi l-investimenti fit-*Trust Capital Holdings*.

Kompla billi qal li gew intavolati proceduri gudizzjarji fil-qrati tal-Lussemburgu, u peress li l-proceduri tal-istralc, kemm tal-garanti u kemm ta' *Trust Capital Holdings* ghadhom ghaddejjin, il-kapital li qed jigi mitlub mill-ilmentatur lanqas jista' jigi illikwidat jew ikkwantifikat peress illi mhuwiex cert jew iddeterminat.

Fl-*affidavit* tieghu, **Karl Micallef,** stqarr[12] li kien ha hsieb l-*on boarding* tal-ilmentatur bhala klijent tal-provditur tas-servizz lura fl-2012 fejn qabel ma bdiet din ir-relazzjoni, l-ilmentatur kien digà investa f'numru ta' *equities* u *equity funds* tramite intermedjarji ohra. Fil-fatt, f'Mejju 2015, l-ilmentatur kien talab sabiex dawn l-istess investimenti jigu inkluzi fil-*portfolio valuation* tieghu sabiex ikun jista' jinghata pariri u rapporti dwar dawn l-investimenti wkoll.

Karl Micallef sostna li fl-istadju ta' *on boarding*, hu kien ghamel ezercizzju ta' *fact finding* fuq il-klijent sabiex jinholoq il-profil tieghu. Qal li dak iz-zmien, l-

[12] *A fol.* 118

ilmentatur kien jahdem bhala Perit, kien proficjenti fil-lingwa Ingliza u kien kapaci jifhem l-ispjegazzjonijiet u anke r-riskji u l-karatteristici assocjati mal-istrumenti finanzjarji li gew ipprezentati lilu.

Stqarr ukoll li dak iz-zmien, l-objettiv tal-ilmentatur kien li jipprova jiggenera l-imghax fuq flus kontanti izda meta maz-zmien beda jakkumula l-kontanti, dan beda jikkunsidra jinvesti f'*longer-term options.* Ix-xhud kompla billi qal li minhabba li hu kien il-*client manager* tal-ilmentatur, dejjem spjega n-natura, l-istruttura u l-karatteristici tal-investimenti li kienu qed jigu rrakkomandati, fejn izda l-klijent qatt ma kien jipprocedi b'investiment irrakkomandat qabel ma kien fehem id-dettalji tal-investiment in kwistjoni.

Sostna li wara hafna investimenti f'varjetà ta' *bonds* mahrugin mill-Gvern ta' Malta, l-ilmentatur kien akkanit biex jesplora investimenti diversi fejn seta' jinvesti somma fissa tal-kapital ghal perjodu qasir ta' madwar sena u, ghalhekk, fl-*email* tieghu, hu kien kiteb dwar investimenti li huma *short term* fosthom dak ilmentat.

Micallef iccara li qabel ma gie pprezentat dan l-investiment lill-ilmentatur, il-provditur tas-servizz kien ghamel ezercizzju analitiku dettaljat fuq l-investiment filwaqt li assigura li l-informazzjoni pprovduta lilu mill-*issuer,* jigifieri *Trust Capital,* kienet fattwali u korretta. Innota wkoll li, fuq kollox, din ma kinitx l-ewwel darba li l-providtur tas-servizz investa b'success ghan-nom tal-klijenti tieghu f'*Note* iehor identiku mill-istess *issuer* u li kellu wkoll il-kapital garantit minn entità terza.

Ix-xhud stqarr li qabel ma sar l-investiment, hu spjega l-karatteristici tal-investiment lill-ilmentatur li kienu dawn:

- *Trust Capital Holdings* holqot strument tal-investiment li kienet Nota li kellha l-kapital taghha ggarantit minn *CBL Insurance* li dak iz-zmien kienet giet ikklassifikata bhala BBB minn *AM Best* u sussegwentement inghatat klassifika aktar gholja ta' A-. *Trust Capital Holdings,* imbaghad, investiet id-dhul min-Nota fl-*Aequitas Enhanced Income Fund;*

- *AM Best* ikklassifikat is-Sahha Finanzjarja ta' *CBL Insurance* bhala A-;

- Il-kupun tan-Nota kien 4%;

- It-terminu tan-Nota kien ta' sena; u
- Il-garanzija tal-kapital ipprovduta minn *CBL Insurance* kienet garanzija *'on-demand'* u rrevokabbli.

Micallef enfasizza li dan l-istrument kien qed jigi offrut mill-kumpanija konvenuta abbazi tal-fatt li l-investiment kapitali kien garantit minn entità terza li kienet *CBL Insurance*, liema garanti kellha *credit rating* tajba hafna fiz-zmien tal-investiment. Hu sostna wkoll li l-investiment in kwistjoni kien addattat ghal '*low to medium risk profile'* tal-ilmentatur ghax warajh kien hemm garanzija fuq il-kapital. Ix-xhud kompla billi nnota li l-provditur tas-servizz dejjem kellu x-xelta li jaghzel l-istess Nota minghajr il-kapital iggarantit u kienet iddahhal aktar minn 4% bhala dhul, izda l-istess provditur tas-servizz dejjem hass li Nota bil-kapital garantit kienet l-ahjar ghazla ghall-klijenti, fosthom, ghall-ilmentatur.

Tenna wkoll li matul il-perjodu tal-investiment u anke sal-punt meta n-Nota mmaturat fis-26 t'Awwissu 2016, ma kien hemm l-ebda raguni li jissusspettaw li kien hemm xi kwistjonijiet li jirrigwardaw in-Nota jew l-investiment sottostanti, u kien ftit wara li huma kienu infurmaw lil *Trust Capital Holdings* li ma kellhom l-ebda intenzjoni li jaghmlu *rolling over* tal-investiment fejn dawn tal-ahhar infurmaw lill-provditur tas-servizz li kien hemm mancanza *da parti* tal-investiment sottostanti.

Karl Micallef kompla billi ta deskrizzjoni dettaljata ta' x'gara ezattament wara, fosthom, il-fatt li n-*noteholder representative* ghamel talba fuq il-garanzija ma' CBL. Il-provditur tas-servizz talab opinjoni legali f'dan ir-rigward, u anke x'alternattiva kienet qed tigi diskussa sabiex potenzjalment jaslu ghal ftehim minghajr il-htiega ta' proceduri gudizzjarji.

Sostna li l-ilmentatur kien qieghed kontinwament jigi aggornat f'kull stadju u qatt ma wera li ma kienx jaqbel ma' xi haga li kien qed jaghmel il-provditur tas-servizz.

Irrizulta li wara hafna diskussjonijiet bejn CBL, *Trust Capital Holdings*, u anke l-provditur tas-servizz u r-rapprezentanti legali tieghu, f'Marzu 2018, dan tal-ahhar gie infurmat illi gew appuntati likwidaturi *interim* ta' CBL fuq proceduri inizjati minn kredituri ohra, fejn qal li l-iskop ghal din il-hatra kienet sabiex jigi determinat jekk CBL kellhiex bizzejjed likwidità sabiex tkompli fl-operat taghha.

Sussegwentement, gew infurmati li CBL kienet formalment dahlet fi process ta' stralc u xoljiment minhabba l-fatt li ma setghetx tissodisfa s-*solvency margin* rikjest taht l-*IPSA (NZ statutory framework).*

Irrefera ghall-passi u l-proceduri li qeghdin jittiehdu mill-provditur tas-servizz filwaqt li qeghdin ukoll isewgu l-istralc ta' *Aequitas Enhanced Income Fund* fejn gew infurmati min-*noteholder representative* li dan il-process ghaddej sew u li ser jircievu l-ewwel pagament mill-istralc fix-xhur sussegwenti.

Ix-xhud ikkonkluda billi cahad kwalunkwe allegazzjoni mill-ilmentatur li l-provditur tas-servizz ippregudikah b'xi mod. Fuq kollox, tenna li l-istrument finanzjarju kien adegwat u tajjeb ghall-ilmentatur fejn huwa kien anke fehem il-karatteristici marbuta mal-investiment u kellu taghrif u esperjenza biex ikun jista' jinvesti fin-Nota.

**Kunsiderazzjonijiet Ohra u Konkluzjoni**

Ir-relazzjoni tal-ilmentatur mal-provditur tas-servizz tmur lura ghas-sena 2012.

Dak iz-zmien gie komplut *Confidential Client Account Opening Form*, fejn gie innutat li l-objettiv tal-investiment tal-ilmentatur kien id-dhul mill-istess investiment – *Income Generation,*[13] filwaqt li r-riskju tal-investiment li xtaq jesponi lilu nnifsu ghalih kien *Low-Medium.*[14]

Kif anke nnotat f'dan id-dokument, fir-rigward ta' strumenti finanzjarji, dak iz-zmien l-ilmentatur kien familjari ma' *Term Deposits,*[15] filwaqt li t-tip ta' servizz li hu kien qed ifittex minghand il-provditur tas-servizz kien dak ta' *Non-Discretionary/Advisory.*[16]

Hekk kif sostna fix-xhieda tieghu - qabel ir-relazzjoni tieghu mal-provditur tas-servizz - l-ilmentatur kien anke ghamel xi tranzazzjonijiet zghar ta' investiment, fosthom, xi ishma tal-kumpanija GO u tal-BOV u xi tranzazzjoni mal-*Wignacourt* tal-istess BOV.

Fir-relazzjoni bejn il-partijiet, il-provditur tas-servizz kellu d-dmir li jagixxi fl-ahjar interess tal-investitur, u dan hekk kif kien obbligat li jaghmel skont *Investment*

[13] *A fol.* 19
[14] *A fol.* 18
[15] *A fol.* 12
[16] *A fol.* 17

*Services Rules for Investment Services Providers,*[17] mahruga mill-MFSA kif ukoll id-Direttiva MiFID, partikolarment, skont regolament li jghid:

*'When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients and shall comply with the relevant provisions of the Act, the Regulations issued thereunder, these Rules as well as with other relevant legal and regulatory requirements ...'.*[18]

Fil-perjodu li sar l-investiment ilmentat, l-ilmentatur ried juza flusu b'mod sigur, partikolarment, minhabba li kellu obbligi finanzjarji ohra li kien jaf li ried jonora fi zmien qasir, u dan il-provditur tas-servizz kien konxju tieghu.

L-ilmentatur inghata tlett ghazliet. Meta tara r-rakkomandazzjoni li saret mill-provditur tas-servizz permezz ta' *email,*[19] wiehed jinduna li zewg ghazliet kienu f'banek lokali u t-tielet ghazla kien l-investiment ilmentat, jigifieri, ***Trust Capital Holdings SARL 4% - 26/08/2016***.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-ilmentatur gie indikat li t-tlett investimenti gew mghoddija lill-ilmentatur f'*email* wahda, u mill-istess kliem tal-*email* inghatat l-istampa li kienu tal-istess riskju.[20]

L-Arbitru jinnota li l-ilmentatur ried jinvesti ghal perjodu qasir ta' zmien u ma riedx jidhol ghal riskju minhabba obbligi finanzjarji ohra li kellu, u zgur li b'sempliciment *email* ma kienx mistenni li jigi miftiehem mod iehor.

Fl-*affidavit* tieghu,[21] ix-xhud tal-provditur tas-servizz, Karl Micallef, jipprova jaghti l-impressjoni li, apparti l-*email* tas-27 ta' Lulju 2015, fejn gie offrut l-investiment *de quo,* hu ltaqa' mal-ilmentatur u spjegalu l-karatteristici u n-natura tal-investiment.

Izda dan gie kontradett mill-ilmentatur li fix-xhieda tieghu quddiem l-Arbitru ta spjega differenti:

---

[17] *ISR – Part B1: Standard Licence Conditions applicable to Investment Services Licence Holders which qualify as MIFID Firms*
[18] *ISR – Part B1 Rule 2.01*
[19] *A fol.* 144
[20] *A fol.* 649
[21] *A fol.* 119

*'Nghid li qabel l-investiment ma saret l-ebda laqgha bejni u bejn Curmi & Partners. Fuq dan l-investiment qatt ma saret laqgha imma sempliciment bl-emails.'*[22]

Iffaccjat b'din id-dikjarazzjoni, waqt il-kontroezami,[23] ix-xhud, Karl Micallef, biddel il-verzjoni tieghu:

*'Nikkonferma dak li xehed KI li jien bghattlu email bi tliet suggerimenti ta' investimenti u li ma saritx laqgha qabel ma sar dan l-investiment; kien hemm konverzazzjoni bit-telefon'.*

L-ilmentatur argumenta diversi drabi li, minkejja li gie offrut lilu dan l-investiment li hu eventwalment accetta wara accertazzjoni li hu kapital garantit, fl-ebda hin ma giet moghtija lilu informazzjoni dwar fiex kien jikkonsisti dan l-investiment; min kienet il-kumpanija li ser tircievi dan l-investiment u, fuq kollox, informazzjoni dwar il-garanzija u l-kumpanija li kienet qed toffri din l-istess garanzija.

Hu stqarr li:

*'Mal-investiment kelli biss l-email li qrajt issa, u wara li sar l-investiment l-unika haga li baghtuli wara, hu d-dokument A2 li pprezentajt mal-ilment li hija l-Purchase Contract Note.'*[24]

Mid-dokumenti sottomessi jirrizulta li l-investiment in kwistjoni sar fuq bazi *Nominee*. Id-dokument *Delivery Instruction of the Investor*[25] mahrug minn *Trust Capital Holdings SARL,* **juri lill-provditur tas-servizz bhala l-investitur u li l-ammont investit kien ta' €1,800,000,** u li ghalhekk ma kinitx biss is-somma ta' €50,000 tal-ilmentatur li kienet investita f'dan l-investiment. Il-provditur tas-servizz kien gabar flejjes minghand haddiehor ukoll biex ghaqqad is-somma massiva ta' €1,800,000 li nvestiha f'ismu bhala '*Curmi &Partners Ltd*'.[26]

---

[22] *A fol.* 640
[23] A fol. 643
[24] *A fol.* 640
[25] *A fol.* 34
[26] *Ibid.*

Gie sottomess dokument iehor li huwa *'Applicable Final Terms for the Notes,'*[27] li ghalkemm jaghti ftit aktar informazzjoni dwar din in-*Note*, xorta wahda ma jindikax specifikament x'inhu u l-mod ta' kif ser jahdem dan l-investiment.

Rigward l-investiment ma' *Trust Capital Holdings*, gew pprezentati verzjonijiet kontradittorji mill-provditur tas-servizz fejn meta mistoqsi jekk qabel dan l-investiment sarux investimenti ohra mal-istess kumpanija, David Curmi stqarr li din kienet l-ewwel darba fejn, mill-banda l-ohra, Karl Micallef tenna l-kuntrarju.

Fl-*affidavit* tieghu, Karl Micallef qal ukoll li:

*'TCH* [*Trust Capital Holdings*] *mbaghad investiet id-dhul min-Nota fil-fund Aequitas Enhanced Income Fund.'*[28]

Dan minkejja li David Curmi qal li:

*'... ahna ma stajniex inkunu nafu dwar l-underlying investment tat-TCH.'*[29]

Karl Micallef qal ukoll li:

*'... Aequitas kienu semmewha, però Aequitas kellha numru kbir hafna ta' funds u mhux fund wiehed. Qatt ma qaluli li ser jinvestu n-Notes kollha taghhom mal-Aequitas.'*[30]

Dan ifisser li mhux talli ma gietx ipprezentata informazzjoni la lill-Arbitru, u wisq anqas lill-ilmentatur dwar il-karatteristici tal-investiment, izda anke r-rapprezentanti tal-provditur tas-servizz taw xhieda kontradittorja f'dan il-kaz, partikolarment, rigward l-investimenti sottostanti.

Il-provditur tas-servizz kien qed jinvesti somma sostanzjali u, ghaldaqstant, li ma jkollux informazzjoni konkreta dwar l-investiment, b'mod specjali dwar l-investiment sottostanti, juri li ghalkemm isostni li kien ghamel *due diligence* tajba, dan fil-fatt ma sarx u jidher car li kien qed iserrah rasu bil-garanzija li kienet qed toffri *CBL Insurance Ltd*.

Dan ma kienx bizzejjed ghaliex kif fil-fatt gara, jew gie allegat minn CBL li gara, *Trust Capital Holdings* setghet tikser xi kundizzjoni kuntrattwali ma' CBL u din

[27] *A fol.* 35
[28] *A fol.* 119
[29] *A fol.* 641
[30] *A fol.* 643

ikollha raguni biex ma thallasx. Il-provditur tas-servizz kellu l-obbligu li jara l-*underlying investments* fejn kienu u ma' min kienu, izda dan jidher li m'ghamlux u, ghalhekk, ma kienx qed jagixxi fl-ahjar interessi tal-ilmentatur meta l-ilmentatur kien qed jistrieh fuq il-professjonalità u l-*expertise* tieghu.

Huwa evidenti li fil-mument tal-bejgh tal-investiment in kwistjoni, il-provditur tas-servizz serrah rasu fuq il-fatt li dan l-investiment kellu *'on-demand irrevocable guarantee'*. Fuq kollox, ibbaza s-serhan il-mohh fuq il-*credit rating* ta' *CBL Insurance*, il-kumpanija tal-assikurazzjoni li kienet qed taghti din il-garanzija.

Izda jrid jinghad ukoll li ghalkemm huwa tajjeb li jkollok garanzija li ser taghmel tajjeb f'kaz ta' falliment, m'ghandhiex tkun biss din il-garanzija li tigi fuq kollox ikkunsidrata meta jigi rrakkomandat investiment.

F'dan il-kaz, jirrizulta li l-provditur tas-servizz kien qed juza din il-garanzija fuq il-kapital bhala l-punt principali tat-tluq fil-mument tal-bejgh, mentri l-ewwel obbligu tieghu kien li jaghrbel sew fejn il-flus ikunu ser jigu investiti, u l-garanzija tigi l-ahhar haga ghax, kif inghad, tista' ma tithallasx.

Din l-istess garanzija fuq il-kapital kellha tintuza biss bhala livell ta' sigurtà addizzjonali u mhux bhala l-aspett primarju ta' sigurtà.

Matul il-bejgh, l-ilmentatur inghata l-aspettattiva li kien ser jiehu flusu lura wara sena u li l-kapital tieghu kien garantit.

Tant, li l-provditur tas-servizz iddeskrivilu l-prodott bhala:

'*A one-year Trust Note which has a minimum holding period of three months and which has monthly transfers inward or outward thereafter. So, after the first three months it becomes like a monthly deposit. This pays 4% per annum and is capital guaranteed by CBL Insurance which is based in New Zealand. I am building an order for this Note which will start in a couple of weeks' time*.'

L-ilmentatur ikkonferma li l-assigurazzjoni ta' kapital garantit kienet cara:

*'Jiena meta rajt "capital guaranteed" m'hemmx wisq x'tifhem. Jiena dak il-hin fhimt li l-kapital kien garantit. Jien meta qrajt dik l-email dik laqtitni – dik li hemm "capital guaranteed".'*[31]

Minn investitur li dejjem investa f'*bonds* u *shares* lokali *listed* fuq il-Borza ta' Malta, u li huma facli li wiehed jifhimhom, ma kienx ragonevolment mistenni minnu meta jara *'capital guaranteed'* miktuba fir-rakkomandazzjoni moghtija lilu jistenna mod iehor.

Il-provditur tas-servizz li kien obbligat li jagixxi fl-ahjar interess tal-klijent tieghu,[32] kellu jara l-karatteristici kollha ta' dan l-investiment, **inkluz l-investiment sottostanti,** u wara li jaghmel dan l-istharrig u analizi, jiddeciedi jekk joffrix dan l-investiment lill-ilmentatur u dan wara li jqis ic-cirkostanzi partikolari tieghu, fosthom, li jkun jista' jiehu l-kapital wara sena biex jissodisfa l-obbligi finanzjarji tieghu li kien jaf bihom il-provditur tas-servizz.

Peress li s-servizz li kien qed jaghti l-provditur tas-servizz kien wiehed '*Non-Discretionary/Advisory',* taht *Investment Services Rules - Standard Licence Conditions applicable to Investment Services Licence Holders which qualify as MiFID Firms* mahruga mill-MFSA u li kienu jorbtu lill-provditur tas-servizz, dan kellu jaghmel *suitability assessment*[33] tal-ilmentatur li, fost l-ohrajn: ried li l-provditur tas-servizz jikseb taghrif necessarju minghand klijenti prospettivi biex ikun jista' jifhem fatti essenzjali dwar il-klijent; u jkollu bazi ragjonevoli biex jemmen li t-**tranzazzjoni specifika** li qed tigi rrakkomandata, tissodisfa dawn il-kriterji:

- li tilhaq l-oggettiv tal-investiment tal-klijent;
- li hija tali li l-klijent ikun finanzjarjament jiflah ghar-riskji relatati mal-investiment konsistenti mal-oggettiv tal-investiment tieghu; u
- li hija tali li l-klijent ghandu t-taghrif u l-esperjenza necessarja biex jifhem ir-riskji tat-tranzazzjoni.

[31] *A fol.* 640
[32] *Investment Services Rules-Standard Licence Conditions* ('il fuq ikkwotati) Regola 2.01
[33] Regola 2.16

**Jekk wiehed jibda mir-rekwizit tal-gharfien u l-esperjenza**, l-Arbitru ma jhossx li l-ilmentatur kellu dak kollu necessarju sabiex jifhem in-natura tal-investiment u jkun jista' jiehu decizjoni jekk jinvestix jew le. Ma kienx investiment bhal depozitu f'bank li kien midhla tieghu, u huwa stess jispjega li kien mar ghand bniedem professjonali biex jaghtih il-pariri necessarji biex ikun jista' jinvesti sew u ma jipperikolax il-kapital tieghu.

Ma jistax il-provditur tas-servizz jghid li r-responsabbiltà tad-decizjoni li jinvesti ghandu jgorrha l-ilmentatur ghaliex huwa perit u jaf jaqra u jifhem bl-Ingliz. Jidher li din kienet konsiderazzjoni ewlenija li ha l-provditur tas-servizz.

Fil-fatt, meta gie mistoqsi in kontroezami kif wasal ghall-konkluzjoni dwar l-gharfien u l-esperjenza tal-ilmentatur, Karl Micallef xehed hekk:

*'Fit-tieni paragrafu tal-affidavit tieghi nghid li l-ilmentatur seta' jifhem ir-riskji tal-investiment u mistoqsi fuq xiex ibbazajt dan, nghid li dak iz-zmien l-ilmentatur kien perit u jien ovvjament kont tal-fehma li kien jithallat ma' hafna nies; kellu kumpaniji ta' periti u meta drabi ohra spjegajtlu dwar l-investiment, dejjem deherli li kien qed jifhem'.*[34]

L-Arbitru ghandu riservi kbar dwar din id-dikjarazzjoni tal-provditur tas-servizz. Il-fatt li l-ilmentatur kien perit u kien jithallat man-nies ma jaghtihx l-esperjenza u t-taghrif biex isir jifhem fl-investimenti finanzjarji. Il-kariga li jkollu bniedem hija hafna drabi irrelevanti ghaliex il-maggoranza kbira tal-klijenti *retail* ma jkunux jifhmu fl-investimenti finanzjarji anke jekk ikunu jokkupaw karigi importanti u anke jekk ikunu professjonisti. Dan il-qasam huwa wiehed specjalizzat u, ghalhekk, klijent *retail* ifittex il-pariri ta' operaturi f'dan is-settur li jkunu l-esperti fit-tranzazzjoni.

Ghalhekk, l-Arbitru ma jhossx li l-fatt li l-ilmentatur huwa perit, jiggustifika l-atteggjament li ha l-provditur tas-servizz li jqis lill-klijent esperjenzat biex jinvesti fuq dan il-fatt.

Barra minn hekk, ghalkemm il-provditur tas-servizz izid jghid li l-ilmentatur kien jaf jaqra u jifhem bl-Ingliz, dan jitqies irrelevanti meta jirrizulta li l-provditur tas-servizz ma tah xejn x'jaqra ghax kulma baghatlu kien l-*email* tas-27 ta' Lulju 2015,

[34] *A fol.* 642

'il fuq imsemmi, u l-ebda letteratura jew informazzjoni ohra dwar il-prodott li kien ser jinvesti fih.

Ghalkemm Karl Micallef jghid fl-*affidavit* tieghu li kien jispjega n-natura u l-karatteristici tal-investiment u jaghti informazzjoni shiha, f'dan il-kaz, ma gab l-ebda prova li ghamel dan ghax l-unika prova dwar kif sar l-investiment hu l-*email* imsemmi. Jikkonferma dan waqt il-kontroezami tieghu stess.

Ghalkemm jissemma li l-ilmentatur kien ghamel investimenti precedenti, dawn kienu tranzazzjonijiet f'*bonds* tal-Gvern ta' Malta u kontijiet bankarji.

Dan ifisser li l-investimenti kollha li hu kellu jitqiesu ta' riskju baxx hafna, likwidi u mhux ikkomplikati, facli li tifhimhom u anke *listed* fuq il-Borza ta' Malta fejn, ghalhekk, l-informazzjoni dwarhom wiehed seta' jsibha facilment.

Minkejja li l-provditur tas-servizz jaghti l-impressjoni li l-ilmentatur kien xi bniedem intiz fl-investimenti finanzjarji, il-provi li johorgu anke mill-*portfolio* li pprezenta l-provditur tas-servizz[35] stess jirrizulta li l-ilmentatur kellu biss investimenti lokali semplici u l-investiment ilmentat.

Barra minn hekk, minhabba **n-nuqqas ta' informazzjoni moghtija lilu fil-mument tal-bejgh lanqas li kieku kien esperjenzat ma seta' jifforma opinjoni dwar l-investiment biex jara jekk jinvestix jew le.**

**Rigward ir-rekwizit tal-objettiv tal-investiment,** huwa car li dan ma kienx biss id-dhul minn dan l-investiment izda fuq kollox il-preservazzjoni tal-kapital. Mill-korrispondenza sottomessa jirrizulta li l-ilmentatur kien investitur kawt hafna u dan anke kif jirrizulta li minhabba li hu kien konxju tal-fatt li d-depoziti bankarji huma koperti sa massimu ta' €100,000, (b'dik li hu sejhilha l-garanzija tal-Gvern), hu kien esprima x-xewqa tieghu li jiehdu azzjoni f'dan ir-rigward, billi jmexxu l-flus depozitati fil-kontijiet bankarji li kienu jeccedu dan l-istess ammont. Dan kien partikolarment meta l-ilmentatur innota li fl-*Izola Bank* kellu investiti l-ammont ta' €180,000 li kienu jaqbzu t-*threshold* ta' €100,000 garantiti mill-gvern u gibed l-attenzjoni tal-provditur tas-servizz biex jirrimedja dan.

[35] *A fol.* 519-520

Il-fatt ukoll li l-ilmentatur kien informa lill-provditur tas-servizz li ried il-flus fi zmien qasir biex jonora obbligi finanzjarji ohra li kellu, jkompli jikkonferma li l-objettiv tal-ilmentatur kien li, fuq kollox, jipprotegi l-kapital.

Minkejja l-garanzija fuq il-kapital, li saret enfasi kbira fuqha mill-provditur tas-servizz, dan tal-ahhar kellu jkun konxju li l-kapital investit ma jista' qatt ikun mija fil-mija garantit u, ghaldaqstant, jista' jinghad li l-objettiv tal-ilmentatur ghall-investiment ma ntlahaqx.

Mill-banda l-ohra, l-ammont investit kien dak ta' €50,000 u meta jitqies, per ezempju, l-bilanc fil-kontijiet bankarji li l-ilmentatur kellu ma jistax jinghad li t-tielet rekwizit ma ntlahaqx. Izda, dan ma jfissirx li l-provditur tas-servizz kellu jabbanduna z-zewg kriterji l-ohra 'l fuq imsemmija ghaliex biex klijent jissodisfa s-*suitability assessment,* fuq kollox, irid jigi ppruvat mill-provditur tas-servizz li l-prodott kien jilhaq l-objettivi tal-investitur u l-investitur jinghata informazzjoni bizzejjed biex ikun jista' jaghmel l-ghazla tieghu jekk jinvestix  jew le. U, fuq kollox, ikollu dak l-gharfien u esperjenza biex jaghmel dak l-investiment specifiku.

Imbaghad, jekk ma jintlahaqx ir-rekwizit tal-*loss absorption capacity* ukoll, allura, r-responsabbiltà tal-provditur tas-servizz tizdied ghax l-effett finanzjarju jkun akbar fuq min ma jiflahx isofri t-telf.

Il-provditur tas-servizz fl-ebda hin ma ressaq prova tas-*suitability test* li sar lill-ilmentatur u jinkombi fuq il-provditur tas-servizz li dan jippruvah ghaliex l-i*Standard Licensing Conditions* u d-Direttiva MiFID, kif kienet tapplika dak iz-zmien, kienu jpoggu tali piz fuqu. Però, anke kieku sar dan is-*suitability test*, kif digà intqal f'din id-decizjoni, l-ilmentatur ma kienx jissodisfa t-tliet kriterji kollha f'daqqa marbuta ma' dan l-*assessment.*

Ghalhekk dan l-investiment ma kienx *suitable* ghall-ilmentatur u ma messux gie offrut lilu. Dan, fuq kollox, meta, kif digà ntqal, l-informazzjoni moghtija mill-provditur tas-servizz lill-ilmentatur kienet limitata ferm.

L-Arbitru jrid, finalment, jasal ghall-konkluzjoni jekk l-ilment huwiex wiehed gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u dan b'referenza ghall-imgiba tal-provditur tas-servizz.

La kien gust, la ekwu u lanqas ragonevoli li l-provditur tas-servizz ma jaghmilx *suitability assessment* tal-ilmentatur, kif kien obbligat li jaghmel, u li ma jaghmilx *due diligence* tajba dwar it-*Trust Capital Holding* (TCH) u l-investimenti sottostanti.

Iz-zewg xhieda tal-provditur tas-servizz ma qablux ma' xulxin dwar dan. David Curmi xehed fl-*affidavit* tieghu li l-garanzija ta' CBL kienet il-fattur ewlieni li nvestew fit-TCH ghaliex '*kienet parti integrali mill-prodott.*'[36]

Izda, kif digà ntqal qabel f'din id-decizjoni, iz-zewg xhieda ma qablux ma' xulxin kif kienet l-istorja tar-relazzjoni taghhom ma' TCH. David Curmi jghid li kienu digà investew b'success maghhom fuq *Note* simili darb'ohra u kienu hadu rizultati tajbin.

**David Curmi** jghid:

'*Mistoqsi jekk qabel dan l-investiment ghamilniex investimenti ohra mat-TCH, nghid li dan kien l-ewwel darba*.'[37]

**Karl Micallef** jghid:

'*Huwa important li wiehed jinnota li Curmi & Partners kienet digà investiet fi strument finanzjarju identiku mahrug mill-istess issuer qabel dan l-investiment de quo. Precedentement, f'Gunju 2014, Curmi & Partners Ltd kienet investiet b'success, ghan-nom tal-klijenti ta' CP, f'Note iehor identiku mill-istess issuer li kellu l-kapital garantit ukoll minn entità terza. Il-karatteristici u l-partijiet involuti fit-tranzazzjoni tal-ewwel Nota kienu simili ghal dawk tal-investiment de quo li fuqu l-ilmentatur ressaq dan l-ilment.'*[38]

Dan il-kuntrast fix-xhieda tal-provditur tas-servizz mhux biss jitfa' dell fuq il-kredibilità tal-istess xhieda, izda wkoll juri l-mod xejn professjonali ta' kif kien qed isir l-investiment.

Anke dwar l-investimenti sottostanti, ix-xhieda tal-provditur tas-servizz ma jaqblux:

[36] *A fol.* 116 *et seq*
[37] *A fol.* 642
[38] *A fol.* 119

**David Curmi** jghid:

'*Dwar l-investiment fit-TCH ahna konna rajna l-istruttura taghha u ahna ma stajniex inkunu nafu dwar l-underlying investment tat-TCH'*.[39]

Aktar tard, waqt l-istess kontroezami, mistoqsi kif ikklassifika dan il-prodott bhala *low risk*, fost affarijiet ohra, qal:

'*… U meta rajna l-investimenti li kien jinvesti fihom, ahna ma rajniex li kienu riskjuzi*.'[40]

Minn dan jidher li l-istess xhud jikkontradixxi lilu nnifsu.

Barra minn hekk, Karl Micallef ikompli jikkontradixxih meta xehed:

'*Sa dak iz-zmien (sat-30 ta' Gunju 2016)*[41] *ma konniex nafu li l-investiment kollu kien fl-Enhanced Income Fund u sirna nafu b'dan meta l-istrument kellu jimmatura u TCH li ma setghux ihallsuna ghaliex il-fund li kienu investew huma fih kien falla'*.[42]

Izid jghid:

'*Mistoqsi jekk ahna bhala financial advisers konniex nafu fejn kienu qed jinvestu l-flus, nghid li konna nafu TCH ma' liema entità qed tinvesti, però, ma konniex nafu ezattament ma' liema fund*.'[43]

Mix-xhieda tal-provditur tas-servizz, l-Arbitru hu tal-konvinciment li minkejja li l-provditur tas-servizz kien qed jinvesti kwazi zewg miljuni ewro ma' TCH, m'ghamilx *due diligence* robusta bizzejjed biex jara dawn il-flus fejn kienu ezattament qed jigu investiti ghax, kif ammess mill-provditur tas-servizz, kien wara l-falliment li saru jafu d-dettalji dwar l-istess investiment. Il-provditur tas-servizz strah biss fuq il-garanzija ta' *CBL Insurance* li, kif inghad aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, ma kinitx bizzejjed.

Ghalhekk, il-provditur tas-servizz, bhala espert fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, m'uzax dik id-diligenza mistennija minnu u dan wassal ghat-telf li sofra l-

---

[39] *A fol.* 641
[40] *A fol.* 642
[41] Zieda tal-Arbitru
[42] *A fol.* 643
[43] *Ibid.*

ilmentatur. Ir-relazzjoni bejn provditur tas-servizz u l-klijent f'dan il-qasam tas-servizzi finanzjarji jiddependi hafna fuq il-fiducja li klijenti *retail*, bhall-ilmentatur, jaghtu lill-provditur tas-servizz li hu l-espert f'dik ir-relazzjoni u, ghalhekk, id-diligenza mistennija mill-provditur tas-servizz ghandha tkun ta' livell gholi hafna. F'dan il-kaz, il-grad ma ntlahaqx.

Il-garanzija li weghdet *CBL Insurance Ltd* waheda ma kinitx bizzejjed kif, fil-fatt, irrizulta. Dan mhux qed jinghad '*with hindsight',* ghax huwa fatt maghruf minn kulhadd li l-kumpaniji tal-assikurazzjoni qatt ma jaqbdu u jhallsu b'mod legger u dejjem jiflu sew jekk min ikun ikkuntratta maghhom kienx mexa mal-obbligi kuntrattwali tieghu jew le.

Barra minn hekk, jirrizulta wkoll li lanqas ma ntlahqu l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-ilmentatur meta kien qed jixtri dan l-investiment.[44]

Ghar-ragunijiet kollha 'l fuq imsemmija, l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz[45] u qed jilqghu.

**Kumpens**

L-ammont investit fi ***Trust Capital Holdings SARL 4% - 26/08/2016*** kien jammonta ghal €50,000.

Fit-twegiba tieghu ghall-ilment, il-provditur tas-servizz semma' kif l-interessi li TCH kien ser irendi kienu ser jinqasmu u jinghataw lill-investituri f'hames pagamenti u dawn fix-xhur bejn (i) 26.08.2015 sa 30.09.2015; (ii) 01.10.2015 sa 31.12.2015; (iii) 01.01.2016 sa 31.03.2016; (iv) 01.04.2016 sa 30.06.2016; u (v) 01.07.2016 sa 26.08.2016.

L-istess provditur tas-servizz sostna li l-interessi li kellhom jinghataw fl-ewwel erba' pagamenti gew eventwalment moghtija lill-investituri, inkluz l-ilmentatur.

Minn *Cash Account Statement* ipprezentat gie kkonfermat dan li gej.

L-ilmentatur ircieva erba' pagamenti ta' interessi li kienu ta':

[44] Kap. 555, Art. 19(3)(c)
[45] Kap. 555, Art. 19(3)(b)

€181.32,[46] ta' €501.53[47] u ta' €500 ghal darbtejn.[48]

Dan ifisser li l-ilmentatur ircieva imghax fit-total ta' €1,682.85. L-Arbitru ma jqisx li jkun gust li l-ilmentatur tinghatalu t-taxxa li hallas fuq l-interessi ghax l-obbligu li jhallas it-taxxa tad-dhul jaqa' fuqu.

Ghalhekk, meta s-somma ricevuta tigi mnaqqsa mill-kapital originarjament investit ta' €50,000, l-ilmentatur huwa intitolat ghal kumpens ta' €48,317.15.

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *Curmi & Partners Limited* thallas lill-ilmentatur is-somma ta' tmienja u erbghin elf, tliet mija u sbatax-il ewro u hmistax-il centezmu.**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dan il-kaz huma ghall-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[46] *A fol.* 534
[47] *A fol.* 535
[48] *A fol.* 536 u *a fol.* 537